TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

CCT/135/15/S

Michael Spiteri
Vs
Bollicine Ltd

Illum 28 ta'Jannar, 2016.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Michael Spiteri pprezentata fit-30 ta'Gunju, 2015 u r-risposta tas-socjeta Bollicine Ltd ipprezentata fit-3 ta'Lulju, 2015;

Ra d-dokumenti, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni maghmula fis-seduta tal-14 ta'Jannar, 2016;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda f'banju li wara xaghrejn beda' jitqaxxar filwaqt li s-socjeta intimat stqarret li l-banju mhux difettuz izda l-hsarat huma kawza ta' uzu hazin tieghu;

Illi jinghad mal-ewwel li wara perjodu qasir ta'xaghrejn, banju m'ghandux jitqaxxar u jmurlu l-lostru;

Illi l-oggett mixtri ghadu fil-perjodu tal-garanzija u ghalhekk is-socjeta intimata kellha taghti rimedju lir-rikorrenti;

Illi s-socjeta intimata indikat bhala r-raguni tal-hsarat, l-uzu ta'ilma jahraq hafna pero gie ammess li la fil-garanzija u lanqas fl-istruzzjonijiet, ma kien hemm xejn imnizzel fuq dan l-uzu;

Illi l-konsumatur irid jigi mghejjun biex jasal ghall-uzu korrett tal-oggett mixtri partikolarment meta kien maghruf li temperatura eccessiva setghet taghmel hsara lill-banju;

Illi kif kellu gja okkazjoni jirrimarka dan it-Tribunal meta giet sollevata eccezzjoni ai termini tal-artiklu 79(1) u (2) tal-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta,u mhux l-Art 71 kif indikat fir-risposta gjaladarba r-rikorrenti informa mal-ewwel lis-socjeta intimata bil-hsarat, huwa tenut li aderixxa ruhu ma' dan ir-rekwizit u konsegwentement l-eccezzjoni numru tnejn tas-socjeta intimata qed tigi michuda;

Illi fic-cirkostanzi tal-kaz, dan it-Tribunal ihoss li t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi milqugha b'dan li l-banju ghandu jinbidel u dan a spejjez tal-intimat.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Michael Spiteri filwaqt li Jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta Bollicine Ltd u Jordna lis-socjeta intimata tbiddel u tikkunsinna l-banju u l-mixer b'wiehed gdid u bl-istess specifikazzjonijiet u dan fi zmien ghaxart ijiem mill-llum, b'kull parti thallas fi kwoti indaqs l-ispejjez relattivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru